**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 57/2019 AGV**

**AB ( ID nru: 623957 M)**
**Vs**
**Avukat Dr Dunstan Camilleri u PL Gillian Muscat mahtura bhala kuraturi deputati ghal C B nee' D (Res Permit: MT 7661947) permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat- 22 ta' Jannar 2019.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB fejn ppermeta u talab is-segwenti;

1. Illi nahr l-4 ta Jannar 2016, l-esponent izzewweg lil CB nee' D dan kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok A;
2. Illi minn daz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

3. Illi wara ftit xhur taz-zwieg l-intimata CB telqet mid-dar matrimonjali li hija l-propjeta’ parafernali tal-esponent u cioe’ 5, Oksana Triq San Pawl, Dingli.
4. Illi l-esponent talab lill-intimata biex tigi konkluza separazzjoni bonarja bejn il-partijiet izda l-intimata wara ftit granet telqet minn Malta aktarx lejn Ruma u dan minghajr ebda informazzjoni jew komunikazzjoni mal-esponent.
5. Illi l-intiamat CB nee’ D , waqfet kull kuntatt mal-esponent u di fatti sa minn dak iz-zmien u cioe’ minn Awwissu 2016, l-esponent ma semax b’ ahbarha.
6. Illi l-esponent jixtieq jipprocedi ghall-firda personali minn ma’ martu l-intimata CB nee’ D u ghalhekk kellha ssir dil-kawza.
7. Illi r-raguni ta’ dit-talba hija li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-intimata u ghalhekk ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti prevja li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti u li jsir dak kollu mehtieg konsegwenza ta’ tali seperazzjoni.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara u tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-partijiet kontedenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimata u tawtorizza lil-attur jghix separatament minn mal-intimata.
2. Tiddikjara illi l-intimata hija unikament hatja ghal tali firda tal-kontendenti minhabba adulterju u abbandun u dan a tenur tal-artikolu 38 u 41 tal-Ligijet ta’ Malta u ghal-finijiet tal-artikolu 48 c tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta tistabbilixxi d-data meta l-istess intimata ghandha tkun ikkunsidrata hatja tal-firda.

3. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti , d-disposizzjonijet tal-artikolu 48, sa 54 tal-Kodici Civili;
4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-partijiet u kull akkwist maghmul ghandu jibqa' propjeta' esklussiva tal-parti li tkun ghamlitu u kull obbligazzjoni assunta tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha dan a tenur tal-Artikolu 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici hija unikament hatja ghas-seperazzjoni personali okkorendo bl-opera ta' Perit nominandi, u tassenja porzjon lill-attrici u porzjon lill-esponenti ope sententiam. Filwaqt li tinnomina Nutar biex jircevi l-atti relattvi li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
6. Tiddikjara li l-intimata iddekadiet minn kwalisiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-esponent.
7. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas wehidha kwalunkwe djun u kreditu li hemm pendendti f' isimha.
8. Tordna li l-intimata tirritorna ghal kunjom xbubitha ossia D.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi Deputati Dr Dunstan Camilleri u PL Gillian Muscat ghan-nom ta' CB nee' D assenti minn Malta;

1. Illi d-deputati kuraturi gew hekk nominati permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 18 ta' Jannar 2019;

2. Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw riposta mahlufa motivata f' kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;
3. Illi l-esponent jirrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet kemm-il darba jirnexxilhom jaghmlu kuntatt ma' CB nee' D;
4. Illi l-esponenti qed jitolbu minn issa indirizzz u / jew dettalji ohra li jista' ikollu l-attur li permezz taghhom jkunu jistghu jikkuntatjaw lill-konvenuta;
5. Ill f' dal-istadju l-esponenti, ma ghandhomx noti u dokumenti x' jipprezentaw, kwindi li jirriservaw id-dritt li jaghmlu dan fi stadju ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Salv risposta ulterjuri u/ jew eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit tal-attur.

**IKKUNSIDRAT**

Illi mill-atti esebiti jirrisulta li l-partijiet kienu zzewgu fl-4 ta' Jannar, 2016, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit aktar minn sena. Ftit wara z-zwwieg, il-konvenuta mardet u marret lura pajjizha, ir-Russja, ghall-kura. Meta giet lura, il-partijiet bdew jargumentaw bejniethom sa ma l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix u tahdem Ruma, fejn kienet tahdem qabel ma ltaqghet mal-attur. Fis-6 ta' Awwissu, 2016, il-konvenuta iffirmat skrittura fejn qalet li

qed tircievi s-somma ta' elf Ewro mill-attur, liema flus kienu taghha, u li ma kellha ebda pretensjoni ohra fil-konfront tieghu.

Mill-atti jirrisulta wkoll li l-partijiet kieu jghixu fi proprjeta' parafernali tal-attur, u li ma kellhomx tfal bejniethom, ghalhekk ma kienx hemm proprjeta' fil-komunjoni tal-akkwisti x'jigi diviz bejn il-partijiet, u l-anqas ma kien hemm kwistjonijiet ta' manteniment jew kura w kustodja ta' tfal minuri. Ma gew prodotti ebda provi ohra dwar proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ghalhekk il-Qorti sejra tiddikjara l-istess komunjoni xolta b'effett mid-data tas-sentenza, izda ma tistax tillikwida tali komunjoni fl-assenza ta' provi konkreti dwar f'hiex kienet tikkonsisti.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi l-kawza billi;

1. Tilqa' l-ewwel talba.
2. Tilqa' t-tieni talba, b'effett mis-6 ta' Awwissu, 2016.
3. Tilqa' t-tielet talba.
4. Tilqa' r-raba' talba.
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, peress illi ma giet indikata ebda proprjeta' ohra formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.
6. Tilqa' s-sitt talba.
7. Tilqa' s-seba' talba.
8. Tichad it-tmien talba, b'dana illi, jekk ikun il-kaz, tawtorizza lill-konvenuta tirreverti ghal kunjom xbubitha, ossia D, skond id-disposizzjonijiet tal-ligi Maltija.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**